KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 3

It-Tielet seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2024 fis-6pm ġo l-uffiċċju tal-Kunsill Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Ryan Borg | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins (infurmat li tista tattendi wara 7pm) | Kunsilliera |
| | Vivienne Galea Pace (infurmat permezz tat-telefon) | Kunsilliera |
| **ASSENTI** | Wallace Baldacchino (Wasal fis-6.35 u s-seduta kienet ghada kif spiċċat) | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli (presenti *online* minħabba raġuni ta' safar) | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Stefania Friggieri Assistent Uffiċċjali Prinċipali

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6pm:***

3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti;
3.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

## 3.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**3.1.1** Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsilliera: Ryan Borg, David Muscat. Il-Kunsilliera Jacqueline Higgins infurmat li tista tattendi wara 7pm u l-Kunsilliera V. Galea Pace infurmat li ma tistax tattendi permezz tat-telefon.

## 3.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

3.2.1 Ġiet imressqa l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-kunsill. Il-Vici Sindku irrefera għall-pagament numru 46 dwar is-servizzi mill-perit għall-proġett tan-niċeċ. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat lill-Perit u jsaqsi għal feedback u l-Kunsill jara f'hiex wasalna.

3.2.2 Il-Viċi Sindku irrefera għall-pagament rigward *printing* u saqsa jekk nitolbux kwotazzjoni wkoll mis-Salesian Printing. L-assistent principali wieġbet li kien hemm zmien fejn il-Kunsill ħadem magħhom. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jibda jinkludi lis-Salesian Press.

3.2.3 Il-Kunsillier J. Aquilina irrefera għall-pagamenti lill-Gasan (Piazzetta) dwar il-kiri għal *boardroom* għall-laqgħat tal-Kunsill u saqsa għaliex il-prezzijiet ivarjaw. Is-Sindku wieġeb għaliex il-prezz ivarja skont l-ammont tas-sigħat li ndumu.

3.2.4 Il-Kunsillier E. Borg ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier Z. Zammit issekondah. Kien hemm qbil li l-pagamenti jiġu approvati fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

**3.3 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

3.3.1 Is-seduta ntemmet fis-6:30pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Settembru 2024 fis-6pm.

Minuti approvati llum (DATA: 18 ta' Settembru 2024.

(IFFIRMATA)

**John Pillow**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Pierre P Portelli**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**